# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 6**

**Rikors numru 51/17 MH**

**Danilo Bezzina**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fl-4 ta' Lulju, 2017 l-attur ippreżenta kawża kostituzzjonali li biha ilmenta li sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li ordnat interdizzjoni ġenerali perpetwa fuqu, tat lok sabiex isofri tbatija intollerabbli peress li ma jistax jaqla' l-għixien tiegħu. Isostni li dik il-piena hi trattament degradanti u inuman bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 36

tal-Kostituzzjoni. Żied li wara s-sentenza kienet inbidlet il-liġi fis-sens li issa tista' tingħata interdizzjoni speċjali, sanzjoni mhux daqstant drastika. L-attur jilmenta minn ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni għaliex m'għandux mekkaniżmu legali sabiex jitlob l-applikazzjoni tal-piena inqas gravi, u wkoll l-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni. Żied li l-piena ta' interdizzjoni kriminali hi anċillari għal piena prinċipali tar-reat u tista' tkun iktar iebsa mill-piena li tingħata lill-ħati, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk talab:

> 1. "*Tiddikjara u tiddeċiedi li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju, 2009 in kwantu timponi fuqu l-interdizzjoni perpetwa tammonta għal trattament degradanti u inuman fis-sens tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija kif ukoll fis-sens tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjon ta' Malta;*
> 2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-istess sentenza tivvjola l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu il-piena ta' interdizzjoni perpetwa bħala piena anċillari għal dik prinċipali hija aktar gravuża mil-piena prinċipali u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant bi ksur tal-prinċipju tal-ċertezza legali;*
> 3. *Tiddikjara u tiddeċiedi in kwantu li sussegwentament għall-istess sentenza l-liġi relattiva ġiet emendata b'tali mod li fil-każ partikolari tal-esponenti li kieku ma kinx għall-fatt li huwa ġie hekk ikkundat, kien possibbli għalih li jibbenifika minn piena anqas gravi u in kwantu ma hemm l-ebda mekkaniżmu legali li in forza tiegħu huwa jista' japplika għat-tnaqqis fl-istess piena hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 abbinat mal- Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq imsemmija;*
> 4. *Tagħti dawk dawk il-provvedimenti kollha li jidrilha xierqa sabiex l-effeti ta' dik is-sentenza in kwantu jammontaw għal trattament degradanti u inuman kif fuq ingħad ma jkollhom ebda effett kontra tiegħu.*
> 5. *Tillikwida kwalunkwe kunmpens li jidhrilha xieraq bħala rizultat tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu liema kumpens ikun dovut mill-Istat Malti; u*

2. Il-konvenut wieġeb u filwaqt li ikkontesta t-talbiet tal-attur ta r-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-attur għandhom ikunu miċħuda.

3. B'sentenza tat-8 ta' Mejju, 2019 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet billi:

> *"1. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali dwar in-non eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonjiet.*
>
> *"2. Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu".*

4. Fit-28 ta' Mejju, 2019 l-attur appella mis-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti, tilqa' t-talbiet li għamel bir-rikors promotur.

5. Fis-6 ta' Ġunju, 2019 il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>Fatti.</u>**

6. B'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju, 2009 (fol. 180) l-attur instab ħati li bejn April u Awwissu 2006 bħala skrivan impjegat mal-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu:-

(i) talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom ma kellux jedd, u minħabba dan naqas milli jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel.

(ii) Sew jekk kellu jew ma kellux jedd li jeżiġi l-flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi.

7. L-attur ammetta l-akkużi u l-Qorti filwaqt li sabitu ħati tal-akkużi illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Inoltre applikat l-Artikolu 199 tal-Kodiċi Kriminali u imponiet fuqu interdizzjoni perpetwa. Sanzjoni li l-Qorti ma kellhiex diskrezzjoni minħabba l-piena applikabbli għar-reat li tiegħu l-attur instab ħati. Is-sentenza hi ġudikat.

8. B'ittra datata 19 ta' Mejju, 2011 l-attur talab lill-President ta' Malta sabiex jaħfirlu s-sentenza "*.... limitatament għall-interdizzjoni perpetwa li ġiet applikata fil-konfront tiegħu*" (fol. 183). B'ittra datata 22 ta' Novembru, 2011 (fol. 184) l-Avukat Ġenerali informah li t-talba tiegħu ma kinitx milqugħa.

9. Fil-15 ta' Diċembru, 2011 l-attur ippreżenta rikors *ai termini* tal-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali li bih talab lill-Qorti sabiex tneħħilu l-kondizzjoni tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa.

10. Permezz ta' tweġiba preżentata fid-29 ta' Diċembru, 2011 il-Kummissarju tal-Pulizija ddikjara li joqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti (fol. 190).

11. B'digriet tad-9 ta' Jannar, 2012 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur peress, "*..... illi r-reat kommess mill-akkużat kien wieħed serju ħafna u kien iwassal għall-priġunerija sa perjodu ta' tmien snin, il-Qorti ma tarax li jkun opportun illi t-talba kif magħmula tiġi akkolta*". Ma jirriżultax li l-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

12. Skont l-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali:-

> "*(6) L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u **meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija qorti***".

***L-ewwel aggravju – Artikolu 3 tal-Konvenzjon dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.***

13. Fir-rikors tal-appell, l-attur argumenta li:-

> "*1. Il-piena ta' interdizzjoni perpetwa hija minnha innifisha leżiva fid-drittijiet fundamentali tal-esponenti stante li ma tagħtix tama lill-esponenti li għad xi darba jirrijabilita ruħu. Il-possibilta ta' reviżjoni għandha tkun kemm de jure u kif ukoll de facto. L-esponenti jikkontendi li l-ġurisprudenza li ġiet żviluppata fil-konfront tal-għomor il-ħabs għandha testendi u tapplika għall-każ odjern u dan peress li japplikaz l-istess prinċipji. Jingħad illi l-piena anċillari li ġiet inflitta fuq l-esponenti hija fil-fatt 'life sentence' stante li huwa maħkum bl-interdizzjoni għall-bqija ta' ħajtu".*

14. Il-Qorti tibda biex tosserva li interdizzjoni ġenerali taħt il-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) tfisser li "*.... tiskwalifika lill-ikkundannat għal kull kariga jew impieg pubbliku, in ġenerali*". Interdizzjoni li m'għandha x'taqsam xejn mal-interdizzjoni

li nsibu fil-Kodiċi Ċivili. Għalhekk kull argument li l-appellant ma jistax ikompli bil-ħajja ta' kuljum (ara l-affidavit ta' Luciano Bezzina, missier l-attur a fol. 194) hi ferm 'il bogħod mill-verita`. L-istess m'huwiex korrett ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta quddiem l-ewwel Qorti f'diversi eżempji li ta u li skont hu ma jistax jagħmel minħabba l-ordni ta' interdizzjoni ġenerali li ngħatat fis-sentenza li biha nstab ħati.

15. Li l-attur jgħid li l-interdizzjoni ġenerali hi *'life sentence'* għaliex ser tibqa' miegħu għal għomru, m'huwiex korrett. Interdizzjoni ġenerali perpetwa m'għandha x'taqsam xejn ma' persuna li jkun ingħata sentenza ta' għomru priġunerija li minħabba fiha jitlef il-liberta tiegħu għal għomru.

16. F'kull każ fis-sentenza li għamel riferenza għaliha l-attur (**Vinter and Others v. The United Kingdom**), il-QEDB għamlet enfażi li għandu jkun hemm l-opportunita` li s-sentenza ta' għomor il-ħabs tiġi riveduta mill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat fejn tkun ingħatat is-sentenza. B'hekk ikun determinat jekk kienx hemm tibdil sinifikanti fil-ħajja tal-priġunier, b'attenzjoni partikolari għar-rijabilitazzjoni matul il-perjodu ta' priġunerija, li jwassal għal deċiżjoni li ma jkunx hemm iktar raġunijiet li jiġġustifikaw li l-persuna ikkonċernata tkompli tiskonta s-sentenza ta' għomor il-ħabs (ara paragrafu 119).

17. Pero` f'dik is-sentenza l-Qorti kompliet tghid:

> "*120. However, the Court would emphasise that, having regard to the margin of appreciation which must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (see paragraphs 104 and 105 above), it is not its task to prescribe the form (executive or judicial) which that review should take. For the same reason, it is not for the Court to determine when that review should take place*".

18. Hu veru li dik l-istess Qorti ikkonkludiet li fejn ma teżistix il-possibilta' ta' dak l-eżerċizzju, "*...... a whole life sentence will not measure up to the standards lf Article 3 of the Convention*". Madankollu, l-attur qiegħed iwarrab il-konsiderazzjoni li fil-każ ta' interdizzjoni ġenerali jeżisti r-rimedju taħt l-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali.

19. L-attur għamel riferenza għas-sentenza **Trabelsi v. Belgium** tas-16 ta' Frar, 2015 fejn il-QEDB qalet:

> "*137...... none of the procedures provided for amounts to a review mechanism requiring the national authorities to ascertain, on the basis of objective, pre-established criteria of which the prisoner had precise cognisance at the time of imposition of the life sentence, whether, while serving his sentence, the prisoner has changed and progressed to such an extent that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds*".

20. Pero` l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali għandha twassal għal eżerċizzju sabiex il-Qorti tiddetermina jekk meħud in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi (eżempju t-trapass ta' żmien, fedina penali tal-attur matul is-snin minn meta s-sentenza saret ġudikat, u ċirkostanzi oħra li jistgħu jkunu rilevanti), għandhiex tordna l-waqfien tal-interdizzjoni perpetwa. Il-fatt li m'hemmx *pre-established criteria* sabiex iwassal lill-Qorti biex tiddeċiedi, ma jfissirx li l-appellant sofra leżjoni tad-dritt fundamentali li jissemma fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

21. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tiċħad l-aggravju tal-appellant għal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tiegħu li sofra ksur tal-jedd fundamentali li ma jkunx soġġett għall-piena inumana u degradanti.

***<u>It-tieni aggravju – smigħ xieraq.</u>***

22. It-tieni aggravju jitratta dwar smigħ xieraq. L-attur argumenta:

> "*L-Ewwel Qorti tgħid illi fir-rikonsiderazzjoni tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tat raġunijiet ben validi, motivati u skont il-liġi għaċ-ċaħda tat-talba. **Il-Qorti naqset li tinnota li l-Qorti tal-Maġistrati iddeċidiet mingħajr ma semgħet provi u saħansitra mingħajr ma ordnat in-notifika tar-irkors lill-kummissarju**. L-esponenti lanqas biss ingħata xi udjenza jew ingħata xi opportunita' li jressaq evidenza dwar il-kondotta u l-imġieba tiegħu. B'hekk l-appellanti umilment isostni li d-deċiżjoni ma kinitx ben motivata speċjalment meta l-Qorti tal-Maġistrati ma kellha l-ebda binarji fuq x'hiex tiddeċiedi*".

23. Il-Qorti tosserva li l-motivazzjoni tad-digriet tad-9 ta' Jannar, 2012 ma kienx l-ilment li ressaq l-appellant fir-rikors li bih bdiet il-kawża kostituzzjonali, tant hu hekk li lanqas ma talab sabiex il-Qorti tħassar dak id-digriet. L-ilment tal-attur b'riferenza għall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kien limitat għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Ġunju, 2009 fejn fir-rikors promotur ippremetta:-

> "*Illi in kwantu jirriżulta illi l-piena tal-interdizzjoni kriminali hija anċillari għal piena prinċipali tar-reat li għalih huwa ġie misjub ħati **dina qatt ma tista' tkun aktar gravuża minn dik prinċipali** tammonta għal vjolazzjoni tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tikkontempla diskrezzjoni illimitata u mhux regolata f'idejn il-ġudikant senjatament fejn tidħol kwistjoni ta' ċertezza legali.......*".

24. L-interdizzjoni ġenerali kienet waħda mir-riperkussjonijiet li tikkontempla l-liġi f'każ ta' sejbien ta' ħtija ta' korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku, kif kien l-appellant. Dik ma kinitx materja li fiha l-Qorti kellha diskrezzjoni fiha. Hi parti mill-piena, u wieħed ma jistax jitkellem dwar piena prinċipali u anċillari.

25. F'kull każ jidher li m'hemm xejn xi jżomm lill-attur milli jerġa' jagħmel talba lill-istess Qorti *ai termini* tal-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali. Fejn issir talba bħal dik, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali m'għandhiex sempliċement tillimita ruħha biex tgħid li l-akkużi li tagħhom l-attur kien akkużat, huma serji. L-interdizzjoni ġenerali hi kontemplata mil-liġi proprju minħabba li n-natura tar-reati, eżempju f'każ ta' abbuż minn uffiċjali pubbliċi. Il-liġi tipprovdi li l-Qorti tista' twaqqaf dik l-interdizzjoni ġenerali, *"meta jidher li hemm* ***raġunijiet tajba*** *għas-sodisfazzjon tal-qorti li tkun tat is-sentenza"* (Artikolu 10(6) tal-Kap. 9). Għalhekk hu rilevanti dak li jkun ġara fil-ħajja tal-ħati, mid-data tas-sentenza saż-żmien meta jagħmel it-talba taħt l-imsemmi provvediment tal-liġi. Il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesa' ħafna biex tagħti ordni li biha twaqqaf l-ordni.

***Tielet aggravju – Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-emenda tal-Artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali li saret bl-Att VII tal-2010.***

26. Fl-aħħar nett l-attur isostni li għandu jieħu benefiċċju minn emenda introdotti bl-Att VII 2010, u li biha sar possibbli li f'każijiet simili tingħata wkoll interdizzjoni speċjali. Ħaġa li ma kinitx teżisti fiż-żmien li ngħatat is-sentenza li dwarha qiegħed jilmenta l-attur.

27. L-attur jibbaża l-argument fuq l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni, li pero` m'huwiex ta' għajnuna. Dik id-disposizzjoni tipprovdi:-

> "*(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar".*

28. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> "*Hija l-fehma ferma tal-Qorti li l-protezzjoni mogħtija minn dan l-artikolu b'ebda mod ma ġiet vjolata fil-konfront tar-rikorrent. Ir-reati li bihom ġie akkużat ir-rikorrent kienu diġa' fis-seħħ fil-mument li wettaqhom u l-istess jingħad għall-piena li rċieva. L-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali li jirrigwarda l-interdizzjni perpetwa mertu tal-proċeduri odjerni kienet ilha snin fis-seħħ meta huwa għamel ir-reat fl-2006. Infatti tali artikolu kien ġie emendata darba waħda biss qabel l-2006 u dan permezz tal-Att XLIX tal-1981.*
>
> "*Kif inhu ammess mir-rikorrent stess, kienu seħħew xi tibdiliet f'dak l-artikolu circa* ***4 snin wara li seħħ ir-reat*** *bis-saħħa tal-Att VII tal-2010. Iżda l-liġi tagħna ma kkonċedietx l-effett retroattiv ta' dawn l-emendi u għalhekk għall-fini tal-każ tal-lum dan l-iżvilupp huwa totalment irrilevanti fl-ambitu tal- artikolu 7 tal-Konvenzjoni*".

29. L-ilment tal-attur m'huwiex każ fejn instab ħati ta' att jew ommissjoni li ma kinux reat kriminali meta saru, u lanqas ma weħel piena ikbar minn dik applikabbli meta r-reat sar. Dan apparti li lanqas biss spjega kif kien ser ikun ta' benefiċċju kieku ingħata interdizzjoni speċjali minflok l-interdizzjoni ġenerali.

Dan qiegħed jingħad meħud in konsiderazzjoni tal-konsegwenzi tagħhom (ara Artikolu 10 tal-Kap. 9).

30. Għaldaqstant tiċħad l-aggravju.

**Appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali.**

31. L-Avukat Ġenerali ta l-eċċezzjoni li l-attur ma kienx eżawrixxa r-rimedji ordinarji (ara tieni eċċezzjoni preliminari) u dan b'riferenza għal dak li jipprovdu l-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319.

32. Fis-sentenza l-ewwel Qorti qalet:

> "*Il-Qorti tirrikonoxxi li huwa minnu dak li qiegħed igħid l-Avukat Ġenerali li r-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu r-rimedju tal-appell mill-piena u li kien u għad għandu l-possibilta' ta' reviżjoni tal-piena tal-interdizzjoni perpetwa a tenur tal-artikolu 10(6) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu wkoll li dawn ir-rimedji kienu aċċessibbli, effettivi u effikaċi żgur biex jindirizzaw jekk ġiex mogħti l-piena ġusta u saritx applikazzjoni korretta tal-liġi u anke biex titneħħa l-interdizzjoni lamentata. Iżda kif diġa' sottolineat fis-suespost, dan ma jipprekludix lill-Qorti milli tiddeċiedi li tesplora l-lanjanza kostituzzjonali mressq mir-rikorrent.*
>
> "*Fil-fatt il-Qorti wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern jidhrilha li l-meritu tal-lanjanzji avvanzati jimmeritaw li jiġu evalwati mill-ottika tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea*".

33. Fl-appell sar l-argument li rimedju b'kawża ta' din ix-xorta hu straordinarju u għandu jingħata biss meta meta l-liġi ordinarja ma tkunx biżżejjed sabiex

tħares u tittutela d-drittijiet fundamentali tal-individwu. Wara li irrefera għall-ġurisprudenza lokali, argumenta:

> "*53. Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji legali kif enunċjati mill-Qrati nostrani l-eponent jissottometti li f'dan il-każ l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha u dan għar-raġunijiet spjegati hawn taħt.*
>
> "*54. F'dan ir-rigward l-esponent jispjega illi l-appellant kellu dritt jappella mis-sentenza Il-Pulizija (Sp. Angelo Gafa) vs Danilo Bezzina deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-25 ta' Ġunju 2009, liema appell huwa qatt ma ntavola. Dak li qed jilmenta minnu f'dawn il-proċeduri u ċioe' l-piena li ġiet inflitta fuqu hija materja illi seta' appella minnha quddiem il-Qorti tal-Appell. Pero għal raġunijiet li jaf hu biss, l-appellant naqas milli jagħmel dan.*
>
> "*55. Illi li kieku wieħed kellu jaċċetta l-manuvra adoperata mill-appellant, allura ma jkun hemm la bżonn ta' perjodu dekadenzjali li fih irid jiġi mressaq appell u lanqas bżonn ta' Qorti tal-Appell Kriminali biex isservi bħala qorti ta' reviżjoni fuq l-ewwel Qorti. Dan għaliex se mai persuna dejjem tkun tista' tressaq kawża kostituzzjonali kull meta trid u jogħġobha mingħajr ma jkollha l-bżonn tirrikorri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Din it-teżi hija għal kollox żbaljata, peress illi m'huwiex l-iskop ta' kawżi kostituzzjonali li jieħdu post il-kawżi ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament.*
>
> "*56. L-esponent jissottometti wkoll illi l-appellant kellu u għad għandu l-possibilta' ta' reviżjoni tal-piena ta' interdizzjoni u dan ai termini tas-subinċiż (6) tal-artikolu 10 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta......*".

34. Il-Qorti ma taqbel xejn mar-raġunament tal-Avukat Ġenerali. L-attur ammetta l-akkużi. L-interdizzjoni ġenerali hi sanzjoni kontemplata mil-liġi u mhux materja li dwarha kellha diskrezzjoni l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. L-Avukat Ġenerali ma ressaq l-ebda argument li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li kieku l-attur appella s-sentenza wara li ammetta l-akkużi, kien hemm xi xaqq ta' dawl li titħassar l-ordni ta' interdizzjoni ġenerali imposta fuqu bis-sentenza tal-25 ta' Ġunju, 2009.

35. Hu minnu wkoll li l-attur għad għandu l-possibbilita` li jerġa' jippreżenta rikors taħt l-Artikolu 10(6) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex titneħħilu l-interdizzjoni. Madankollu jibqa' l-fatt li permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jattakka s-sentenza li tat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (ara talbiet tar-rikors promotur). L-Artikolu 10(6) m'huwiex rimedju biex persuna tattakka sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat. Dan apparti li l-ewwel Qorti tgawdi diskrezzjoni wiesa' meta tiddeċiedi li għandha tikkonsidra u tiddeċiedi dwar ilment ta' rikorrent li jkollu x'jaqsam ma' ksur ta' drittijiet fundamentali.

36. Għaldaqstant, tiċħad l-appell inċidentali.

Għal dawn ir-raġunijiet:-

1. Tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.
2. Tiċħad l-appell inċidentali tal-Avukat Ġenerali bl-ispejjeż kontrih.
3. Tikkonferma s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb